**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 9 ta' Jannar 2020**

**Rikors Revoka Numru:- 973/19 JVC**

**Rita Delmar**

**vs**

**Roderick Johann Theuma u**

**Charlo Theuma**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Roderick Johann Theuma u Charlo' Theuma fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1218/19 datat 14 ta' Ottubru, 2019 fejn din il-Qorti ntalbet sabiex:

'a) Illi tirrevoka dan il-mandat ta' sekwestru ai termini ta' artikolu 836 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi:
i. Hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-attrici f'kaz li tinghata ragun fil-kawza taghha a tenur ta' artikolu 836(1) (c) jekk din l-Onorabbli Qorti tqis li huwa necessarju;
ii. Il-pretensjonijiet tas-sekwestranta fil-konfront tal-esponenti mhijiex prima facie gustifikata a tenur ta' artikolu 836 (1) (d); u

iii) F'kull kaz mhuwiex ragjonevoli li s-sekwestru jinzamm fis-sehh ghal kollox jew in parti u lanqas ma huwa mehtieg jew gustifikabbli a tenur ta' artikolu 836 (1) (f);
b) Illi tikkundanna lill-istess sekwestranta Rita Delmar ghall-hlas ta' penali u danni, inkluzi l-ispejjez legali inkorsi fid-depozitu tal-flus u ghall-izbank, ghall-finijiet tal-artikolu 836 (8) (d) u 836 (9) tal-istess Kodici.'

Rat ir-risposta tas-sekwestranti datata 9 ta' Dicembru, 2019 fejn ghar-ragunijiet moghtija fl-istess talbet li din il-Qorti tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat u l-bqija tat-talbiet;

Semghet ix-xhieda ta' Rita Delmar, Roderick Theuma, Diandra Bututtil u ta' Charlot Theuma;

Semghet ukoll it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Irrizulta lill-Qorti li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija l-eredita tal-genituri taghhom li fil-maggor parti taghha tikkonsisti fl-immobli residenza tal-istess genituri gewwa Hal-Qormi, vettura, flus il-bank u xi mobbli kontenuti fl-istess residenza;

Jirrizulta li l-partijiet bejniethom ghamlu d-dikjarazzjoni 'causa mortis' bejniethom u llum ghalhekk l-immobbli formanti parti mill-eredita' huwa proprjeta' indiviza bejn il-partijiet. Dan l-immobbli kif dikjarat mill-partijiet ghandu l-valur ta' madwar mija u disghin elf Euro (€190,000);

Fil-bqija 'prima facie' mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta lill-Qorti li l-kontenzjoni bejn il-partijiet hija vettura li effettivament ma tistax tigi trasferita jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-eredi kollha, flus fil-banek f'isem id-decujus li wkoll ma jistghux jingibdu jekk mhux bi ftehim u l-valur tal-mobbli li kienu fid-dar matrimonjali mal-mewt tal-genituri. Principalment huwa fuq dan tal-ahhar li l-partijiet mhux qed jaqblu x'sar minn xi mobbli fosthom allegatament fided u kaxxa bid-deheb;

Illi ghalkemm is-sekwestranta lmentat li hi lanqas kellha access ghall-immobbli w'ghalhekk ma setghetx hi personalment tivverifika x'mobbli hemm fl-immobbli fil-mori s-sekwestranta giet mghoddija c-cwievet tal-fond fuq ordni tal-Qorti;

Illi l-Qorti ghalhekk tqis li se mai dak li kien jisthoqq li jigi kawtelat permezz tas-sekwestru odjern huwa l-valur kontestat tal-mobbli tal-eredita la darba dawn tigi stabilita l-konsistenza taghhom jekk dawn mhux gia sufficjentement kawtelati mod iehor.

Illi l-istess sekwestranta fix-xhieda taghha kkonfermat li hija ma baghtet l-ebda interpellazzjoni lill-intimati sabiex ihallsu dak dovut jew jiprovdu sigurta' ghal dak li hija divizjoni tal-imsemmija mobbli fit-terminu mpost mil-ligi ai termini tal-artikolu 836 (8) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi l-Qorti fic-cirkustanzi fejn jidher illi l-valur tal-immobbli tal-eredita, l-flus tal-eredita' u l-valur tal-vettura formanti parti mill-eredita' huma aktar milli bizzejjed sabiex jikkawtelaw dik il-parti tal-pretensjoni tar-rikorrenti fuq parti zghira mill-eredita' cioe' terz tal-mobbli li ghadha mhiex stabilita' fil-konsistenza taghha, ma tqisx li l-persistenza ta' dan il-mandat ta' sekwestru bhala legalment gjustifikat. Dan ukoll stante l-bdil fic-cirkustanzi fil-frattemp u cioe' li s-sekwestranta nghatat access liberu ghall-fond formanti parti mill-eredita'. Din il-Qorti tfakkar li l-mandati mhumiex intizi sabiex jisfurzaw l-intimati ghal ftehim kif jidher li huwa dan il-kaz fejn l-intimati sekwestrati spiccaw bil-ftit flus li kellhom il-bank maqbuda, izda sabiex jikkawtelaw pretensjonijiet genwini. Fil-kaz odjern pretensjoni ta' mija u hamsin Elf Euro (€150,000) suppost konsistenti f'terz tal-valur tal-eredita' in kwistjoni, meta fil-maggor parti l-eredita' tikkonsisti fl-immobli gia f'isem il-partijiet, prima facie tidher ferm esagerata.

**Digriet**

Ghaldaqstant in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti odjerni sekwestrati sabiex il-mandat ta' sekwestru bin-

numru 1218/19 jigi revokat hija gjustifikata ai termini tal-artikoli 836 (1) (c), 836 (1) (f) u n-nuqqas ta' ottemperanza mal-artikolu 836 (8) (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ghalhekk tirrevoka b'mod immedjat is-sekwestru bin-numru 1218/19 u tawtorizza l-hrug tad-debitu kontro-mandat.

Fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti sekwestrati sabiex din il-Qorti tordna lis-sekwestranta thallas penali u danni, l-Qorti in vista tal-fatt li kellu jkun l-istess sekwestru sabiex wassal lill-sekwestrati jaghtu access ghall-fond formanti parti mill-eredita', ma tqisx li din it-talba hija gjusta fic-cirkustanzi u tghaddi sabiex tichad l-istess.

Fic-cirkostanzi wkoll l-ispejjez tal-atti tas-sekwestru u tar-rikors odjern ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Jannar 2020**